**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Marzu, 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Johann Roderick Theuma**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Johann Roderick Theuma bil-karta tal-identità numru 664082M, li permezz tagħha ġie akkużat li:

*"Talli b'diversi atti maghmula minnek li ġew magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew, magħmula b'reżoluzzjoni waħda, bejn Dicembru 2021 u Jannar 2022, ġewwa dawn il-gżejjer;*

*Approprjajt ruħek, billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata lilek minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazjoni, kariga jew servizz tiegħak, jew minħabba depositu neċessarju, jew ikunsinnata lilek taħt titlu illi jġib miegħu l-obligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat. (art 293, 294 chp 9)*

*Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi:

Rat l-artikoli indikati.

**Deċide**

In vista tal-ammissjoni tal-imputat, u wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tat id-debita tifsira lill-imputat ai termini tal-Artikolu 22 (3) tal-Kap 445 tal- Liġijiet ta' Malta.

Stante li ma kienx hemm esperti maħtura, tiċħad it-talba li saret ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur